**Xi minn daqqiet...**

Il-ħajja ma teħdilhiex kopja
Daqqa 'l fuq u daqqa wisq l-isfel,
Madankollu l-kuraġġ jaf jiġi
Biex l-imħabba fil-qalb inissel.

Xi minn daqqiet is-sema iswed
Jaf jingħalaq kważi jinqafel,
U hemm għid li l-qalb żgur tisplodi
Lil għajnejha bid-dmugħ se taħsel.

Imma iebsa kemm hi iebsa l-ħajja
Xi xaqq dawl mill-ewwel se jkun hemm,
Meta dan id-dawl jidħol b'qawwa
O kemm se jfarraġ u l-qalb tistkenn.

Għax veru li jiġu l-problemi
U jqumu l-irwiefen daqshekk kbar,
Meta l-qalb tinfetaħ għal Alla
Se tkun taqbad għalih daqs in-nar.

Għalhekk terraq, terraq, ja bniedem,
Ibqa' emmen lil Sidek Ġesù,
La tħarisx lejn l-imgħoddi tiegħek
Ħajtu hi l-aqwa hena w virtù.

U tintrabatx mat-titubanzi
Li jgħaddu bħalma jgħaddi kull ħsieb,
Int ibqa' marbut sewwa miegħu
Il-Feddej tiegħek, għax huwa l-Bieb.

Li jieħdok lil hinn minn did-dinja
Jgħinek tidħol f'Saltnet is-Smewwiet,
Hu jibqa' id-difensur tiegħek
Jibdillek l-imrar fl-ogħla ħlewwiet.

Patri Mario Attard OFM Cap
6 ta' Ġunju 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.